Matul din is-sena hemm ukoll numru ta' anniversarji li tajjeb wieħed ifakkar għall- ġenerazzjonijiet futuri. Ser insemmu wħud minn dawn:

**250 sena mill-kompożizzjoni ta' mużika sagra li nkitbet apposta għall-Festa tal-Madonna tal-Ġilju tal-1763 li kienet issir ġewwa Bormla.** Riċentament, din il-mużika ġiet eżegwita minn selezzjoni mill-Banda Madonna tal-Ġilju waqt is-serata li matulha tnieda l-ktieb akkademiku "Sicut Lilium: Devozzjoni u Ritwal tul is-Sekli" editjat mill-Arkivista Nazzjonali Charles J. Farrugia u mitkub minn diversi studjużi Maltin u barranin. Fl-istess ktieb il-kontributur Noel D'Anastas qal hekk dwar din is-silta:

> *...fl-arkivju mużikali tal-Kolleġġjata ta' Bormla wieħed isib biċċa mużika interessanti li fiha tixħet dawl ta' din id-devozzjoni. Dan huwa l-mutett 'Sancta et immacolata' (Mus. Ms.135) miktub għall-tlett vuċijiet u basso continuo. Interessanti li fuq il-partitura tal-basso continuo hemm miktub 'Mottetto a 3 voci per la processione della Nostra Avocata del Gilio' – xhieda li dan il-mutett inkiteb apposta biex jindaqq fil-purċissjoni, x'aktarx ukoll mill-istess kompożitur li kitibha...iqanqal l-interess il-kitba tal-kunjom 'Vella' kif ukoll id-data tal-14 ta' Mejju 1763 li skont il-kalendarju Gregorjan għal dik is-sena kien ħabat il-jum tas-Sibt.*

Il-Kanonku Dun Ġwann Azzopardi, kontributur kbir għall-istorja tal-mużika sagra Maltija fl-artiklu tiegħu dwar din il-kompożizzjoni jgħid li dan il-mutett għandu kliem ta' tifħir lill-Verġinità tal-Madonna. Huwa wkoll jittraduċi l-versi għall-Malti:

***'O Verġni Qaddisa u bla tebgħa,***
***Ma nafx b'liema kliem naqbad infissrek,***
***l-għaliex lil Dak,***
***Li s-smewwiet ma jesgħux,***
***Inti ġibtu fi ħdanek.'***

- Noel D'Anastas, 'L-attività mużikali fil-parroċċa Marjana tal-Imqabba', f'Charles J. Farrugia, *Sicut Lilium: devozzjoni u ritwal tul is-sekli*, Malta 2012, p. 510.



Partitura bl-isem tas-silta għall-purċissjoni tal-Madonna tal-Ġilju fl-14 ta' Mejju 1763 bil-kunjom Vella mniżżel

---

**115-il sena ilu**, nistgħu ngħidu li bdiet titnissel bil-mod dik li fl-1911, kellha tkun l-organizzazjoni li tieħu ħsieb b'mod esklussiv il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Fil-fatt, fl-1898 twaqqaf il-Casino San Giuseppe bl-ewwel President ikun is-Sur Paolo Caruana. Hemm ħjiel ta' kontinwazzjoni maċ-Circolo Pio X li twaqqaf uffiċjalment fl-1911, għaliex is-Sur Paolo Caruana jerġa' joħroġ bħala President u jibqa' jżomm din il-kariga sal-1914.



Paolo Caruana

---



Fil-11 ta' Diċembru 1938, **propju 75 sena ilu**, seħħet il-mewt ta' Mastru Paolo Xuereb. Xuereb, kien mastru fil-kostruzzjoni u għal snin twal okkupa l-kariga ta' Rettur tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni. Huwa bena bosta djar sbieħ fl-Imqabba. Paolo Xuereb huwa missier l-aħwa Dun Ġużepp u Baskal Xuereb. Il-kliem fuq it-tifkira tal-mewt tiegħu kien jgħid hekk: 'B'tifkira ta' Paolo Xuereb li miet fil-11 ta' Diċembru 1938 fl-Imqabba wara ħajja ta' tmenin sena mgħoddija fis-siegħat tax-xogħol, fit-trobbija tal-ulied, għall-ġieħ u l-qima ta' Alla, għall-ġid tal-proxxmu u fl-imħabba tal-knisja ta' raħal twelidu li sebbaħ bil-għaqal tas-sengħa tiegħu.'

Paolo Xuereb flimkien mal-familja tiegħu.



**65 sena ilu**, propju fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 1948, iżżanżan sett ta' 6 standardi. Dawn kienu tal-Banda Lily irregalat minn Innocent Ghigo, l-Ingliż irregalat minn Joseph Magri, l-Amerikan minn Carmelo Magri, il-Malti rregalat minn Joseph Zarb u Salvu Facciol, tal-Papa rregalat mis-soċi u dak Irjali minn Ċensu Camilleri. Dawn l-istandardi tħallsu minn diversi Partitarji emigranti. Dwar dan l-avveniment insibu din id-deskrizzjoni reġistrata:

*Mro. Darmanin għadu jiftakar sewwa kemm tħabat sabiex jikseb il-partituri tal-innijiet nazzjonali ta' pajjiżi differenti sabiex ikun jista' jdoqqhom fl-inawgurazzjoni ta' kull standard. Sar marċ mill-Banda Lily u l-istendardi nħarġu mid-djar rispettivi tal-benefatturi tagħhom. Ħdejn kull dar indaqq l-innu tal-pajjiż rappreżentat bl-istandard*

*Charles Farrugia,*
*Tal-Ġilju: Il-Banda u s-Soċjetà*
*fl-Imqabba, Malta 1995, p. 80.*

---



Hekk kif it-Tieni Gwerra Dinjija ġiet fi tmiemha, l-ħajja soċjali Maltija bdiet bil-mod il-mod tirkupra mit-tħarbit li kienet tinsab fih. Fl-Imqabba ma kienetx eċċezzjoni. Fl-1945 naraw id-debutt tal-ewwel Banda Mqabbija, il-Banda Lily wara snin li s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju kienet qabdet il-linja fil-qasam mużikali. Hawnhekk kien qiegħed iseħħ qawmien ġdid fil-komunità Mqabbija, u l-ewwel ħaġa li kellhom f'moħħom l-Imqabbin kien **il-bini mill-ġdid tal-Koppla tal-Knisja Parrokjali u l-Kappellun tal-Immakulata Kunċizzjoni** li sfaw kompletament meqruda fl-attakk tal-għadu nhar il-Ħamis 9 t'April 1942.

Il-Persuna li daħlet għal din il-biċċa xogħol hekk kbira kien ħadd ħlief Mastru Baskal Xuereb, bniedem intiż f'bosta oqsma apparti l-kostruzzjoni. Fost dawn ta' min isemmi l-logħob tan-nar. Baskal kien jiġi ħu l-mibki Dun Ġużepp Xuereb u serva għal bosta snin bħala Prokuratur tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni u kif ukoll kien membru tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Huwa kien ukoll Soċju tal-M.U.S.E.U.M. Missieru, Paolo Xuereb bena' bosta djar sbieħ kemm fl-Imqabba, kif ukoll madwar Malta. Ix-xogħol fuq il-koppla l-ġdida tal-Imqabba tlesta fil-bidu tas-sena 1948. Il-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju ta' dak iż-żmien kien bagħat ittra lil Baskal fejn feraħlu tal-biċċa xogħol kbira li kien wettaq.

Intant, is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju kienet ukoll għaddejja minn żmien ta' riġenerazzjoni. Fil-fatt, kien għaddej ix-xogħol fuq il-bini ta' sede ġdida fil-qalba tal-Pjazza tal-Imqabba. Il-Kumitat xtaq faċċata li tkun tiddistingwi ruħha sew mill-bqija tad-djar tal-Pjazza. Għalhekk, ma setax jonqos li Baskal Xuereb jiġi nkarigat għal din il-biċċa xogħol ukoll.

Għalkemm din il-faċċata m'hix antikissima, fiha nfisha żżomm ċertu storja u fiha wkoll ċertu simboliżmu li nteressanti wieħed ikun konxju minnu. L-istil arkitettoniku ta' din il-faċċata jissejjaħ Venezjan. Mastru Baskal kien sab xi kotba dwar l-arkitettura għand xi priġunieri Taljani li minnhom ispira ruħu. Il-faċċata tikkonsisti fi tliet sulari, kull sular bi stil għalih: Doriku, Joniku u Korint. Ta' min jinnota xi similarijiet bejn dettalji tal-Faċċata ma' dawk tal-koppla l-ġdida ta' Baskal, fosthom l-iskrolli tal-kolonni u kif ukoll l-arzelel li sa ftit snin ilu kienu jżejnu l-koppla. Hi mimlija bi skultura li ħadimha Ġużeppi Barbara (Il-Fażolu). Fuq in-naħa tal-lemin f'kull sular fiha figura ta' tliet irġiel; wieħed bil-qamħ fuq spallejh li jirraffigura l-Unjoni, ta' taħtu suldat b'iljun mejjet taħtu li jfisser kuraġġ u l-aħħar wieħed raġel imneżża' bi strument li jkejjel il-forza fiżika li jissimbolizza s-saħħa. F'nofs it-tieni sular tispikka ras ta' ljun ħierġa minn ġol bini u kif ukoll ilsir ta' kulur li bħal ta' qabilhom, kollha huma relatati mas-saħħa.

Interessanti l-fatt li din il-faċċata nħadmet kollha fir-rokna li hemm maġenb il-Kappella ta' Santa Katerina fil-Pjazza stess. Ħaġa nteressenti wkoll hi l-fatt li l-erba' kolonni li jżejnu l-entratura prinċipali tal-Każin ġew maqtugħin u poġġuti sħaħ, ħaġa ta' preġju kbir meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-kobor tagħhom u l-fatt li

dak iż-żmien l-għodod u l-makkinarji kienu ferm limitati. Il-ġebel li ntuża għal din il-faċċata, nqata' kollu mill-barriera tal-Familja Ċiantar li huma Partitarji tas-Soċjetà.Fl-1986, fl-okkażjoni tal-75 anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, kompliet iżżejnet b'frontispizju mill-isbaħ bi Xbieha tal-Madonna tal-Ġilju, xogħol Rosario Zammit. Matul is-snin, is-Sur Joseph Tanti, President Onorarju, għamel xogħol ta' restawr, speċjalment fuq l-ewwel sular ta' din il-faċċata. Fl-aħħar tas-snin 80 u l-bidu tas-snin 90, din il-faċċata ssarfet f'unuri lis-Soċjetà bir-rebħ tal-premju tal-isbaħ faċċata armata għall-Festi tal-Milied, tliet snin konsekuttivi.

Bħal kull ħaġa oħra, din il-faċċata hekk maestuża ma ħarbitx is-sinjali taż-żmien li għadda minn fuqha . Fil-fatt, kien ilu jiġi nnutat li partijiet minnha kienu fi stat ħażin. Dak iż-żmien, proġett fuq l-aġenda tas-Soċjetà kien dak tar-rikostruzzjoni  tas-Sede tal-Każin. Ir-restawr tal-faċċata kellu jkun l-ewwel fażi ta' dan il-proġett hekk ambizzjuż. Wara ħafna konsultazzjoni ma' persuni ntiżi fil-qasam, f'Settembru 2006, Il-faċċata tgħattiet kompletament permezz ta' xibka, biex b'hekk ix-xogħol ikun jista' jinbeda. Biċċa xogħol bħal dik żgur li ma kienetx ser titlesta f'qasir żmien u għalhekk ġie deċiż li din il-faċċata kellha tibqa' mgħottija anke waqt il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 2007.

Iż-żmien baqa' għaddej u x-xogħol kien qabad ritmu tajjeb. Opra ta' din il-kwalita' riedet titgawda kemm bi nhar kif ukoll bil-lejl u għalhekk saret sistema ta' illuminazzjoni professjonali, simili għal dawk li jsiru ma' monumenti mportanti. L-inawgurazzjoni tar-restawr u l-illuminazzjoni tal-faċċata tal-Każin saret nhar il-Ħadd 1 ta' Ġunju 2008, fis-sena li kienet timmarka is-60 anniversarju mit-tlestija ta' dan il-monument. Sar programm mużikali mill-Banda Madonna tal-Ġilju li għalih kien hemm attendenza kbira li sabet postha tul Tirq Karmenu Ċiantar, bil-għan li ladarba l-faċċata tinkixef, din isservi bħala xenarju għall-istess serata.

Fl-aħħar, il-mument tant mistenni kien wasal. Xhur sħaħ ta' ħidma min numru kbir ta' ndividwi kien wasal fil-milja tiegħu. Bil-mod il-mod, ix-xibka bdiet nieżla, u dawk kollha preżenti, fost emozzjoni kbira bdew jammiraw din il-biċċa xogħol hekk meraviljuża tinkixef. It-tieni parti tas-serata kienet dedikata għall-illuminazzjoni ta' dan il-monument. Kif dalam, ingħata bidu għal din l-inawgurazzjoni bis-sehem ta' spettaklu pirotekniku tridimensjonali bl-użu tas-sistema MerlinFire li beda' mill-għelieqi tal-ħruq tan-nar u avvanza bil-mod il-mod sa' fuq il-bejt tal-każin. Immedjatament kif in-nar laħaq il-quċċata, il-faċċata nxtegħlet. Hawnhekk spikkat il-professjonalita' u l-preċiżjoni li biha sar dan il-proġett. L-udjenza nfexxet f'ċapċipa li qisha ma riedet tieqaf b'xejn. Ta' min jirrimarka li ftit xhur wara, l-għaqda "Din l-Art Ħelwa" rrikonoxxiet din il-faċċata bħala wirt Nazzjonali.

Illum, 5 snin wara minn meta sar dan l-avveniment, dawk kollha li jgħaddu mill-Pjazza ewlenija tal-Imqabba, ma jonqsux milli ħarsithom tinħataf mill-ġmiel artistiku ta' din il-faċċata unika. "Ċelebrazzjoni t'arti fl-aqwa tagħha". Hekk kien hemm min iddeskriva dan il-monument. Tassew kienet deċiżjoni għaqlija li jsir dan ir-restawr li reġa' ħadha lura għall-ġmiel oriġinali tagħha. B'hekk qdejna dmirna bħala Soċjetà li dak kollu li stinkaw u bagħtew għalih missirijietna, bżajna għalih u preservajnieh biex jibqa' jitgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri.

*Marvin Sciberras u Charles Farrugia*

